**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 15 ta' Jannar, 2020**

**Rikors nru: 349/2008 MLF**

**Mark Bugeja, Martin Bonello-Cole, Austin Demajo, u Joseph Pullicino, f'isimhom proprju u fl-isem u fl-interess tad-ditta Grant Thornton, u b'digriet tad-29 ta' Mejju, 2013, l-atti ġew trasfuzi minn fuq id-*decuius* Martin Bonello-Cole ghal fuq ibnu Carl Bonello-Cole**

**vs**

**Marvin Zammit**

Il-Qorti rat ir-rikors tad-ditta attrici li permezz tieghu talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' erbat elef sitt mija tmienja u hamsin punt sebgha hamsa Ewro (€4,658.75) ekwivalenti ghal elfejn lira Maltin (Lm2,000), skond kif stipulat fl-artikolu 7.5 tal-kuntratt tal-impieg definittiv li huwa ffirma mal-istess ditta li jgib id-data ta' l-1 ta' Lulju 2005, u dan *stante* li huwa kiser il-kondizzjoni imposta in virtu tal-artikolu hawn fuq imsemmi li ma jimpjegax ruhu, fi zmien ta' mill-anqas sentejn mid-data tat-terminazzjoni tal-kuntratt, ma persuna, ditta jew socjeta' li ghal perjodu ta' mill-inqas sentejn qabel tali terminazzjoni, kienu klijenti tad-ditta rikorrenti. Skond l-atturi, l-konvenut fil-fatt impjega ruhu ma' entita' li kienet u ghadha klijenta tad-ditta rikorrenti. Ghalkemm gie interpellat sabiex ihallas dan l-ammont

hawn fuq imsemmi anke ufficjalment skond kopja legali ta’ l-ittra ufficjali datata 25 ta’ Gunju 2008, huwa baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra tieghu.

Bl-ispejjeż kollha inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficjali li ggib id-data tal-25 ta’ Gunju 2008, u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-istess ittra u cioe’ mit-28 ta’ Gunju 2008 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta tal-konvenut Marvin Zammit li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt, *stante* li huwa ma kiser l-ebda kundizzjoni tal-kuntratt.

2. Fit-tieni lok, il-kundizzjoni li fuqha qed tinbena din il-kawza qatt ma kellha l-iskop jew kienet l-intenzjoni tal-partijiet li l-esponenti ma jahdimx ghal zmien sentejn.

3. Illi l-posizzjoni tieghu mal-kumpanija attrici kienet dik ta’ *senior auditor*, u l-awdituri effettivament m’ghandhomx rapport ta’ *service provider* u klijent stante li n-natura ta’ *auditor* hija assolutament indipendenti mill-persuna li tinkariga li jsir *audit* fl-interess tal-komunita’ u l-veracita’ tal-*accounts*.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha ppreżentati;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi b’digriet datat 12 ta’ Novembru 2012, din il-Qorti diversament preseduta, cahdet it-talba maghmula mill-konvenut sabiex titressaq eccezzjoni ulterjuri.[1]

Rat illi b’digriet datat 9 ta’ April 2014, din il-Qorti cahdet talba ohra maghmula mill-konvenut sabiex jitressaq bhala xhud id-Direttur tal-Labour Office.[2]

[1] Ara *fol.* 117 tal-process.
[2] Ara *fol.* 137 tal-process

**Il-Fatti**

Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti fuq il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri, li jistghu jigu sintizzati hekk:

1. Id-ditta attrici u l-konvenut iffirmaw kuntratt ta' impjieg datat 1 ta' Lulju 2005 li permezz tieghu il-konvenut gie impjegat bhala *"Senior Auditor"* mad-ditta attrici ghal perjodu ta' sentejn li beda ghaddej minn dik l-istess data.[3] Skond dan il-kuntratt, meta jiskadi l-ewwel terminu ta' sentejn, il-kuntratt ta' impjieg jinbidel ghal wiehed ghaz-zmien indefinit. Imbaghad klawsola numru 7.5 tal-istess kuntratt kienet tipprovdi hekk:

   "*7.5 The Employee cannot take up employment, for a minimum period of two years after date of termination of employment with the Firm, with any person, firm or company who for two years prior to the termination of this Agreement were clients of the Firm. In such case the parties agree that the Employee will pay the Firm by way of agreed damages the sum of two thousand Maltese Liri (Lm2,000).*"

2. Permezz ta' ittra datata 7 ta' Jannar 2008, il-konvenut informa lid-ditta attrici li kien qieghed jirrizenja mill-posizzjoni tieghu bhala *Senior Auditor*.[4] Il-konvenut kien ukoll informa verbalment lil Mark Bugeja, *partner* fid-ditta attrici, li kien qieghed jittermina l-impjieg tieghu ghaliex kien sab impjieg alternattiv fi hdan l-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, li kienet klijenta tad-ditta attrici. Da parti tieghu, Mark Bugeja kien informa lill-konvenut illi skond il-klawsola surriferita huwa kellu jhallas il-penali stipulata li taghha qiehed jintalab il-hlas permezz tal-kawza odjerna.[5]

3. L-ahhar gurnata tax-xoghol tal-konvenut mad-ditta attrici kienet it-8 ta' Frar 2008. Permezz ta' ittra datata 4 ta' Marzu 2008, id-ditta attrici talbet lir-rikorrent il-hlas tal-penali mertu ta' din il-kawza.[6] Il-konvenut wiegeb ghal din l-ittra permezz ta' ittra datata 17 ta' Marzu 2008 li permezz taghha informa lid-ditta attrici li huwa ma kellu jhallas xejn stante ma kien wettaq l-ebda ksur tal-kuntratt iffirmat.[7]

---

[3] Ara l-kuntratt ta' impjieg a *fol.* 3 tal-process.
[4] Ara Dok MB5 a *fol.* 45 tal-process.
[5] Ara x-xhieda ta' Mark Bugeja a *fol.* 32 tal-process u Dok. MB 4 a *fol.* 44 tal-process.
[6] Ara Dok MB 5 a fol. 46 tal-process.
[7] Ara Dok MB6 a fol. 48 tal-process.

4. L-impjieg tal-konvenut mal-Awtorita’ ghas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta kien f’posizzjoni ta’ *Manager Grade 1* fi hdan l-*Insurance Unit* tal-Awtorita’.

5. Id-ditta attrici ghamlet auditing tal-kotba tal-Awtorita’ ghas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta ghas-snin 2005, 2006, 2007 u 2008.[8]

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

Permezz ta’ din il-kawza id-ditta attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta’ erbat elef sitt mija tmienja u hamsin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€4,658.75) rapprezentanti danni pre-likwidati mifthema bejn il-partijiet stante li skond id-ditta attrici, bl-agir tal-konvenut skatta d-dispost tal-klawsola 7.5 tal-kuntratt ta’ impjieg datat 1 ta’ Lulju 2005 li jistipola l-hlas ta’ dawn id-danni.

*L-Ewwel Eccezzjoni tal-Konvenut*

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu, l-konvenut isostni li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante li huwa ma kiser l-ebda kundizzjoni tal-kuntratt. Fis-sottomissjonijet tieghu imbaghad, il-konvenut ikompli ifisser din l-eccezzjoni billi jghid illi l-impediment impost fuqu permezz tal-klawsola in kwistjoni kien limitat biss ghal posizzjoni ta’ *Senior Auditor* li huwa kellu fi hdan id-ditta attrici, mentri l-impjieg tieghu ma’ l-Awtorita’ ghas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta kien esklussivament ta’ natura regolatorja u jikkonsisti essenzjalment fis-supervizjoni tal-kumpaniji u intermedjarji licenzjati fl-assigurazzjoni, u ghalhekk ma kienx relatat ma’ l-impjieg ta’ awditur li kellu mad-ditta attrici.

Fl-ewwel lok ghandu jigi osservat illi huwa principju assodat fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna illi l-pattijiet kontrattwali ghandhom jigi rispettati stante li jirriflettu l-volonta tal-partijiet fil-mument tal-iffirmar tal-kuntratt. L-artikolu 992(1) tal-Kodici Civili jipprovdi illi *“il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta’ ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.”* Imbaghad l-

[8] Ara r-Report and Financial Statements tal-Awtorita’ ghas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta ghas-snin 2005 sa 2008 a *fol.* 51 tal-process.

Artikolu 1002 tal-istess Kodici jipprovdi li m'hemmx lok ghal interpretazzjoni meta s-sens tal-kliem hu car. Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Gloria Beacom vs AIC Anthony Spiteri Staines** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 1998 "*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratt jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kuntrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraent kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali w trid tigi osservata. Pacta sunt servanda*.".

Tajjeb li ssir referenza ukoll ghal principju iehor li jirregola l-ligi kontrattwali u cioe' dak tal-*bona fidi*, liema kuncett huwa inkorporat fl-Artikolu 993 tal-Kodici Civili li jipprovdi illi *"Il-kuntratti għandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi."* Ghalhekk skond dan il-principju, it-termini kontrattwali li jkunu gew pattwiti bejn il-partijiet ghandhom jigu rispettati u onorati, anke fid-dawl ta' principji ohra bhal ma huma l-gustizzja u l-onesta`.

Il-Qorti tqis illi l-klawsola 7.5 tal-kuntratt ta' impjieg li fuqha hija mibnija din il-kawza hija wahda cara u li ma thalli ebda lok ghal interpretazzjoni. Permezz ta' din l-klawsola il-partijiet qablu u ftehmu li ghal perjodu ta' sentejn wara d-data tat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu mad-ditta attrici, il-konvenut ma setghax jiehu xoghol ma' kwalunkwe principal iehor li ghal sentejn qabel dik id-data kien klijent tad-ditta attrici. Il-partijiet qablu ukoll illi fl-eventwalita' li l-konvenut ma josservax dak maqbul f'din il-klawsola, huwa kellu jhallas lid-ditta attrici somma determinata bhala danni pre-likwidati.

F'dan il-kaz ma huwiex kontestat illi wara li ittermina l-impjieg tieghu mad-ditta attrici il-konvenut mar jahdem mal-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta li fis-sentejn ta' qabel kienet klijenta tad-ditta attrici. Il-Qorti ma taqbilx ma' l-argument tal-konvenut li l-impediment maqbul f'din il-klawsola kien limitat biss ghal posizzjoni ta' *Senior Auditor*. Bl-istess mod lanqas tqis li huwa rilevanti l-argument li l-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ma hijiex ditta, persuna jew kumpanija. Fil-fehma tal-Qorti il-ftehim bejn il-partijiet kien car u meta tinqara l-klawsola in kwistjoni fl-intier taghha, jidher evidenti li l-iskop ewlieni ta' din il-klawsola huwa li timpedixxi lill-konvenut, ghal zmien limitat, milli jimpjega ruhu ma' klijenti tad-ditta attrici.

Fil-fehma tal-Qorti l-intendiment tal-partijiet meta kkuntrattaw il-klawsola *de quo* kien car u ghalhekk din il-Qorti ma tqisx li ghandha tissostitwixxi l-intenzjoni tal-partijiet billi tasal ghal xi interpretazzjoni differenti ta' dak pattwit bejniethom. Minkejja li kien maghrraf minn Mark Bugeja li jekk huwa kien ser jimpjega ruhu mal-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta kien ser jikser din il-klawsola tal-kuntratt, il-konvenut xorta wahda ghazel li jippersisti fl-intenzjoni tieghu. Minn dan isegwi li l-konvenut kiser l-kundizzjoni maqbula fil-kuntratt ta' impjieg tieghu u konsegwentement l-ewwel eccezzjoni tieghu qeghda tigi michuda.

*It-Tieni Eccezzjoni Tal-Konvenut*

Permezz tat-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut isostni li l-kundizzjoni li fuqha qed tinbena din il-kawza qatt ma kellha l-iskop li l-konvenut ma jahdimx ghal zmien sentejn minn meta l-kuntratt gie terminat. Fin-nota ta' sottomissjonijet tieghu, il-konvenut jaghmel referenza ghal kwistjoni ohra u cioe' li din il-klawsola kienet *in restraint of trade*. Ghalkemm din il-kwistjoni qatt ma tqajjmet b'mod formali bhala eccezzjoni, din il-Qorti xorta wahda ser tghaddi biex tikkunsidraha stante li din hija relatata mat-tieni eccezzjoni tal-konvenut, hija wahda ta' ordni pubbliku u anke sahhansitra giet trattata mill-partijiet fis-sottomissjonijiet taghhom.

Fil-fehma konsiderata tal-Qorti, l-argument tal-konvenut li din il-klawsola kienet timpedih milli jahdem ghal zmien sentejn mid-data tat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu mad-ditta attrici ma jregix. Huwa evidenti li din il-klawsola ma kienitx timponi dan il-piz fuq il-konvenut. Piz bhal dan kien ikun wiehed irragjonevoli u sproporzjonat.

Din il-kundizzjoni li accetta u qabel maghha il-konvenut meta ffirma l-kuntratt ta' impjieg tieghu kienet timpedih milli ghal zmien sentejn ma jimpjegax ruhu ma klijenti li fis-sentejn precedenti ghad-data tat-terminazzjoni tal-impjieg tal-konvenut kienu klijenti tad-ditta attrici. Dan ma jfissirx pero' li l-konvenut kien impedit milli jahdem ghal sentejn kif minnu eccepit. Il-konvenut seta' jahdem bhala professjonist liberu, kif ukoll seta' jimpjega ruhu ma' ditti ta' awdituri ohrajn, anke jekk kompetituri tad-ditta attrici jew ma' kumpaniji jew persuni ohra li ma kienux klijenti tad-ditta rikorrenti.

Fir-rigward tal-kwistjoni jekk din il-klawsola tammontax ghal *restraint of trade*, jibda biex jigi osservat illi l-Artikolu 985 tal-Kodici Civili jipprovdi illi "*Il-ħwejjeġ impossibbli, jew ipprojbiti*

*mil-liġi, jew kuntrarji għall-egħmil xieraq, jew għall-ordni pubbliku, ma jistgħux ikunu oġġett ta' kuntratt."* Fis-sentenza fl-ismijiet **Attillio Vassallo Cesareo Et Noe vs Anthony Cilia Pisani** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[9] fil-31 ta' Jannar 2003 inghad illi "*Storikament ghall-bidu u in linea generali r-regola addottata kienet li kuntratti bi klwasoli in restraint of trade kienu jitqiesu invalidi. Eventwalment beda jigi accettat il-kuncett ta' "partial restraint if reasonable and not contrary to the public interest" … …*
*Ghal dak li li jirrigwarda stipulazzjonijiet bejn principal u impjegat f'kuntratt ta' impjieg, dawn il-principji rcevew applikazzjoni. Dan fis-sens illi filwaqt li gie rikonoxxut id-dritt ta' min ihaddem illi jipprotegi l-interessi kummercjali tieghu ghal dawk li huma "trade secrets" u li jinibixxi "the misuse by the employee of his acquaintance with the employer's clients or customers" eppure il-kostringiment irid ikun relatat man-natura ta' l-impjieg fejn allura min ihaddem jigi akkordat harsien akbar fil-kaz ta' impjegat f'kariga gholja, ad exemplum, "managing director". Inoltre l-patt tar-restraint irid jillimita l-attivita` lavorattiva jew industrijali ta' l-impjegat ghal zmien jew cirkondarju determinat li ma jkunx irragjonevoli."*

Gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna, illi hu pacifiku illi l-linji gwida tal-validita ta' kull kundizzjoni li timponi restrizzjoni lavorattiva ta' impjegat huma r-ragonevolezza tal-kundizzjoni f'sens ampju u l-iskop limitat fi spazju u zmien tar-restrizzjoni (ara is-sentenzi **Mark Bugeja et nomine vs Geoffrey Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[10] fit-13 ta' Frar 2014, u **Mark Bugeja et nomine vs Mellyora Grech** deciza mill-istess Qorti[11] fis-27 ta' Mejju 2015. Dawn is-sentenzi kienu jittrattaw fattispecje prattikament identici ghal dak odjern.)

F'dan il-kaz Mark Bugeja, *partner* fid-ditta attrici, spjega li r-raguni li din il-klawsola kienet tigi inkluza fil-kuntratt ta' impjieg tal-haddiema kollha sabiex tigi assigurata l-indipendenza tal-haddiema li n-natura tax-xoghol taghhom tehtieg li dawn ghandhom dejjem jibqghu ghal kollox indipendenti mill-klijent. F'dan ir-rigward huwa xehed hekk: "*Waħda mill-aspetti fondamentali fil-code of ethics tagħna huwa li rridu nkunu indipendenti mill-klijent. Il-parti li pprezentajt ta' page 23 tal-manual spjegat x'jiġri f'każ li impjegat ikollu ħsieb jew possibilita' li jimpjega ruħu ma' klijent. Dan għaliex fil-principju tal-independence li ghandna fil-code of*

[9] *Per* Imhallef Philip Sciberras, konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Marzu 2006, pero mhux ghar-ragunijiet kollha moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.
[10] *Per* Imhallef Mark Chetcuti.
[11] *Per* Imhallef Edwima Grima.

*ethics, jekk jiena jkolli membri fit-team ta' l-audits u jista' jkollu f'moħhu li jimpjega ruħu ma' dak il-klijent, il-klijent jagħmel offerta lil xi impjegat tagħna jista' jkun li dan jitlef l-indipendenza tiegħu ... Ghalhekk ahna sabiex ikollna deterrent akbar, ghalhekk li ahna naghmlu dan id-deterrent ta'... dan sa two thousand pounds biex dak li jkun ninibieh jew ma nhajrux biex jitlaq mill-impjieg tagħna u jfittex impjieg ma' xi klijent minn tagħna u b'hekk ikun f'pożizzjoni li jirrezisti aħjar xi offerta li jkollu mill-klijent.*" [12]

Fil-fehma tal-Qorti din l-ispjegazzjoni fornita mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici hija wahda logika u ragonevoli Meta jigi kkunsidrat in-natura tax-xoghol taghha, hija kondivizibbli l-intenzjoni tad-ditta attrici li tohloq deterrent fuq l-impjegati taghha sabiex tassigura l-indipendenza tal-haddiema. In oltre, din il-Qorti tifhem ukoll l-intenzjoni tad-ditta attrici li tuza dan it-tip ta' deterrent sabiex dawn il-haddiema jigu skoragutti milli juzaw ghal vantagg taghhom jew tal-principal prospettiv taghhom kwalukwe tip ta' informazzjoni li jkunu kisbu b'mod kunfidenzjali fil-posizzjoni taghhom fid-ditta attrici.

Tajjeb li jigi sottolineat li dan l-impediment ma kienx wiehed generiku izda limitat biss ghal klijenti tad-ditta attrici, bil-kwalifika li dawn jkunu baqghu klijenti taghha ghall-ahhar sentejn qabel it-terminazzjoni tal-impjieg. Kif diga intqal aktar qabel il-konvenut kellu diversi ghazliet dwar kif seta' jahdem wara li jtemm l-impjieg tieghu u ghalhekk ma jistax jinghad li din il-klawsola kienet timpedih milli jsib impjieg. B'zieda ma' dan, meta tigi ikkunsidrata l-posizzjoni tal-konvenut fi hdan id-ditta attrici, l-ammont ta' danni fis-somma ta' elfejn Lira Maltin ma jistax jitqies bhala deterrent esagerat jew sproporzjonat li jirrestringi l-ghazla tal-impjieg tal-konvenut jew li jqeghdu f'sitwazzjoni fejn effettivament ma jkollux ghazla.

Fis-sottomissjonijiet tieghu, il-konvenut jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Attillio Vassallo Cesareo et noe vs Anthony Cilia Pisani** citata aktar qabel f'din is-sentenza u jissottometti li dak kien kaz simili ghal dak odjern. Il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni. Fl-ewwel lok, il-motivazzjoni tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili li fuqha qed jistrieh il-konvenut ma gietx kkonfermata mill-Qorti tal-Appell. Pero, fit-tieni lok, u fi kwalunkwe kaz, fl-opinjoni ta' din il-Qorti ghaliex il-kundizzjoni imposta fuq il-haddiem f'dak il-kaz kienet wahda generali li kienet tqieghdu f'sitwazzjoni fejn kien ferm difficli ghalih sabiex isib impjieg iehor fil-linja ta' negozju jew xoghol tieghu. Kif gie ribadit aktar qabel, f'dan il-kaz din il-

[12] Ara *fol.* 27 tal-process.

kunsiderazzjoni ma tapplikax ghaliex l-impediment impost huwa wiehed limitat u li kien jippermetti lill-konvenut isib impjieg alternattiv.

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti tqis li tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, l-impediment impost fil-kundizzjoni 7.5 fil-kuntratt ta' impjieg tal-konvenut ma jistax jitqies bhala wiehed irragonevoli.[13] Il-konvenut kien konxju ta' x'kienet ser tkun il-konsegwenza jekk jikser din il-kundizzjoni u ghamel l-ghazla tieghu liberament. Naturalment dik l-ghazla iggib maghha l-konsegwenza pattwita bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant it-tieni eccezzjoni ser tigi michuda.

*It-Tielet Eccezzjoni*

Permezz tat-tielet eccezzjoni tieghu, il-konvenut isostni li fid-ditta attrici huwa kellu l-posizzjoni ta' awditur, u li ghalhekk ma ghandux rapport ta' *service provider* u klijent. F'dan ir-rigward il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghal kunsiderazzjonijiet kollha maghmula aktar qabel f'din is-sentenza, izzid tghid illi l-klawsola 7.5 tal-kuntratt ta' impjieg ma tinkludi ebda tip ta' riserva ghan-natura tax-xoghol li kien qieghed jaghmel il-konvenut mad-ditta attrici. Jekk il-konvenut kellu xi riservi f'dan is-sens, dan kellu jqajjimhom qabel l-iffirmar tal-kuntratt. Ghandu jigi osservat li l-istess kuntratt jindika b'mod car illi l-posizzjoni tal-konvenut kienet dik ta' *Senior Auditor*. La darba dak il-kuntratt gie iffirmat mill-konvenut, isegwi li huwa kien qieghed jaccetta dik il-kundizzjoni, u ma jistax issa ghax rinfaccat bit-talba ghall-hlas jipprova jaghti tifsira differenti lill-kontenut ta' dik il-klawsola.

Fi kwalunkwe kaz, huwa minnu li fil-qadi tal-kompiti tieghu l-awditur ghandu jkun indipendenti mill-klijent sabiex ikun f'qaghda li jaqdi d-dmirijiet tieghu b'mod shih, madankollu dan ma jfissirx li bejn l-awditur u l-persuna ivverifikata ma hemmx relazzjoni ta' klijent u provditur ta' servizz. Il-principju ewlieni li jirregola r-relazzjoni bejn il-partijiet huwa dak tal-*pacta sunt servanda*. Il-klawsola *de quo* ma thalli l-ebda dubju fl-opinjoni ta' din il-Qorti illi l-intenzjoni tal-partijiet kienet li ghal zmien sentejn minn wara t-terminazzjoni tal-

[13] Ara fl-istess sens is-sentenzi b'mertu prattikament identiku ara is-sentenzi **Mark Bugeja et nomine vs Geoffrey Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-13 ta' Frar 2014, u **Mark Bugeja et nomine vs Mellyora Grech** deciza mill-istess Qorti fis-27 ta' Mejju 2015.

impjieg tieghu l-konvenut ma jimpjega ruhu ma ebda klijent tad-ditta attrici. Din kienet l-obbligazzjoni assunta mill-konvenut u la darba huwa ghazel li jikser dik l-obbligazzjoni, huwa ghandu jhallas is-somma pattwita mad-ditta attrici.

Ghaldaqstant anke din it-tielet eccezzjoni ser tigi michuda.

*L-Eccezzjoni sollevata mill-Konvenut fin-Nota ta' Osservazzjonijiet tieghu*

Finalment, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu il-konvenut issolleva eccezzjoni ohra fis-sens li ma kienx hemm l-approvazzjoni tad-Direttur responsabbli ghall-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali sabiex tigi inkluza l-klawsola *de quo* fil-kuntratt ta' impjieg kif jipprovdi l-Artikolu 19 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta. B'digriet datat 12 ta' Novembru 2012, din il-Qorti diversament preseduta cahdet it-talba maghmula mill-konvenut – wara li dawn il-proceduri gew differiti ghas-sentenza - sabiex iressaq din l-eccezzjoni b'mod formali. Ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni taghha.

Pero, ghal kull buon fini, din il-Qorti tirrileva li eccezzjoni identika giet michuda fiz-zewg sentenzi b'mertu prattikament identiku ara is-sentenzi **Mark Bugeja et nomine vs Geoffrey Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[14] fit-28 ta' Gunju 2013, u **Mark Bugeja et nomine vs Mellyora Grech** deciza mill-istess Qorti[15] fis-27 ta' Mejju 2015. (Dawn is-sentenzi kienu jittrattaw fattispecje prattikament identici ghal dak odjern.) F'dawn iz-zewg sentenzi li kienu jikkoncernaw klawsola ta' impjieg identika ghal dik odjerna, gie ritenut illi l-Artikolu 19 tal-Kapitolu 452 japplika għall-klawsoli f'kuntratti li jitrattaw dwar għemil jew ommissjonijiet u l-multi rispettivi għal tali għemil jew ommissjonijiet. Billi l-fatti tal-kaz kienu jitrattaw ħlas ta' ammont miftiehem minn qabel mill-partijiet f'każ li l-impjegat jimpjega ruħu ma' klijent tal-principal tieghu fi żmien stipulat wara terminazzjoni tal-impjieg, dawn gew ikkunsidrati li jikkostitwixxu danni pre likwidati u ghalhekk ma għandhomx jiġu ekwiparati ma' multi. Għaldaqstant gie deciz illi l-Artikolu 19 ma japplikax
u kwindi din il-konvenzjoni bejn il-partijiet ma kenitx tinneċessita l-kunsens tad-Direttur tal-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali.

[14] *Per* Imhallef Gino Camilleri.
[15] *Per* Imhallef Edwima Grima.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talba tad-ditta attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erbat elef sitt mija tmienja u hamsin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€4,658.75), bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Gunju 2008, data tan-notifika tal-ittra ufficjali, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, inkluz it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq id-drittijiet professjonali u dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju 2008, ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**